# Martin Schmid SJ: Organista Qalb iċ-Chiquitos

Martin, magħruf ukoll bl-isem Spanjol ta' Esmid, twieled f'Baar fl-Isvizzera fis-26 ta' Settembru 1694, minn Martin Schmid u Maria Katharina Hurter. Bejn l-1710 u l-1716 attenda l-kulleġġ tal-Ġiżwiti ta' Lucerne, u sena wara daħal mal-Kumpanija ta' Ġesù. Kien aktarx hawn li tgħallem il-mużika; forsi anki qabel ukoll peress li kien ġej minn familja rispettabbli fejn missieru kien jaħdem ta' teżorier f'Büel. Għax kif se naraw, l-edukazzjoni mużikali fiċ-Chiquitania kienet fdata lilu u allura bilfors li kien imħarreġ sew f'din l-arti; il-lezzjonijiet tal-mużika kienu jintużaw bħala l-ewwel pass għall-Kristjanizzazzjoni tal-Indiġeni.

Biex nieħdu eżempju, f'Potosí, belt Bolivjana, Schmid kien bena orgni b'sitt reġistri peress li kien ukoll bennej tal-istrumenti. Jingħad li dan l-orgni kien żarmah biċċa biċċa, għabbieh kollu fuq il-bgħula u ġarru f'vjaġġ iebes mimli toroq imħarbtin lejn Santa Ana de Velasco, madwar elf kilometru bogħod mill-belt. Mal-wasla tiegħu f'din il-missjoni maqtugħa għaliha weħidha, Schmid immuntah kollu mill-ġdid


Impressjoni artistika ta' Schmid jitlob għarkupptejh bil-vjolin imdendel mal-ħajt.

b'idejh stess, u għadu jintuża sal-ġurnata tal-lum. Kien hu wkoll li daħħal il-mużika sagra polifonika Barokka fil-missjonijiet fejn kien jaħdem; waqqaf korijiet bil-vuċijiet u orkestri bl-istrumenti li kien jibnilhom huwa stess. Kien anki jikkomponi biċċjeċ mużikali sagri għalihom.

Intant, wara li ordna qassis fl-1726, Schmid ngħatalu l-permess biex imur missjunarju fl-Amerika Latina, imma minħabba l-gwerra Anglo-Spanjola kellu jibqa' Sevilla fejn tgħallem tajjeb l-ilsien Spanjol. Fl-istess żmien, qaleb l-istorja tat-tribù ta' Chiquitos ta' Juan Patricio Fernández (1667-1733) mill-Ispanjol għall-Ġermaniż. Lejn l-aħħar tal-1728 beda l-vjaġġ twil u perikoluż tiegħu lejn l-Amerika t'Isfel, li ħadlu aktar minn tliet xhur, minn Tenerife sa Buenos Aires. Il-missjunarji li salpaw flimkien miegħu kien għad fadlilhom tmien xhur oħra xi jterrqu sakemm daħlu ġewwa tal-pajjiż u laħqu Potosì. Kien hawn fejn huwa u tliet Ġiżwiti oħra ntgħażlu biex imorru jevanġelizzaw liċ-Chiquitos. Schmid wasal fil-post

tal-missjoni f'Awwissu 1730. Mal-wasla tiegħu hemmhekk, Schmid sab li n-nies tal-post kienu diġà mgħammdin u lesti, u kulma kien jinħtieġ kien li jsaħħaħhom aktar fil-fidi u jagħmel il-kolonji tagħhom aktar sostenibbli permezz t'edukazzjoni reliġjuża iżjed profonda u aktar ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knejjes. Il-Ġiżwiti kienu konvintissimi li l-erwieħ setgħu jintrebħu billi wieħed jippromwovi l-element mużikali fost l-indiġeni, u t-tempji u l-madwar jiġu mżejna b'mod l-aktar imponenti. Mhux ta' b'xejn għalhekk, li mill-Ewropa l-Ġiżwiti kienu jibagħtu lejn l-Amerika t'Isfel kompożituri ta' ħila. Domenico Zipoli huwa magħdud bħala l-aqwa fosthom, oħrajn biex jidderieġu l-korijiet u oħrajn biex jimmanifatturaw l-istrumenti mużikali. U dan kien proprju x-xogħol ewlieni ta' Schmid, megħjun minn sieħbu Dun Johann Mesner (1703-68), fl-ewwel snin tal-ħidma missjunarja tiegħu, li jgħallem il-mużika u jgħin fil-kostruzzjoni ta' knejjes; dik ta' San Rafael de Velasco hija biss waħda minnhom. Kien ukoll responsabbli mit-tixrid fil-ħidma artiġjanali, u mhux darba jew tnejn li ▶




## Kif int tista' tgħin lis-seminaristi fl-Asja, fl-Afrika jew fl-Indja:

**Ftakar fihom fit-talb tiegħek, għaliex huma jiftakru fina fit-talb tagħhom.**

- Intenzjoni għal Quddiesa - **€5**
- Ikla nutrittiva lil seminarista għal ġimgħa - **€36**
- Paga ta' għalliem fis-Seminarju għall-formazzjoni tas-seminaristi - **€48**
- Għotja ta' rota lil katekist biex imur jgħallem - **€60**
- Ħlas għal trasport biex seminaristi jagħmlu xogħol pastorali f'postijiet imbiegħda - **€115**

Eluf ta' żgħażagħ qed jiġu msejħa biex jaqdu lil Alla bħala qassisin, imma ħafna minnhom jiġu minn familji u parroċċi li huma fqar wisq biex iħallsulhom is-snin twal ta' formazzjoni u ordinazzjoni. Inti tista' tgħinhom jilħqu komunitajiet li għadhom ma jafux b'Ġesù billi tħallas borża ta' studju jew parti minnha. L-għajnuna tiegħek, flimkien ma' dik ta' ħafna persuni ġenerużi bħalek tagħmel differenza kbira.

- Borża ta' Studju għall-edukazzjoni ta' seminarista fl-aħħar 4 snin:

**€480** (parti mill-ispejjeż) - **€600** (kwart tal-ispejjeż)
**€2400** (l-ispejjeż kollha)

Ibgħat id-donazzjoni tiegħek lil Missio: Nru. 7, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171

Jew fuq: **www.missio.org.mt**
Għal aktar dettalji ċemplu fuq 21236962 fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

**GRAZZI MILL-QALB**

kienu jingħataw għotjiet żgħar liċ-Chiquitos bħala rigal, bħalma huma żibeġ, skieken, imqassijiet u x'naf jien. Parti mil-lezzjonijiet mużikali ta' Schmid kienu jikkonsistu wkoll f'li jgħallem lill-indiġeni kif għandhom jibnu strumenti mużikali Ewropej.

F'San Juan Bautista, Santa Cruz, Schmid kompla bl-evanġelizzazzjoni tiegħu billi kien jibgħat għexieren t'Indjos fil-ġungla jfittxu l-Indjani Nomadi bl-għan li jħajruhom jersqu lejn il-missjoni Ġiżwita. U wara xahrejn kien jarahom ġejjin lura b'xi mitt infidil magħhom, u mbagħad jitwasslu sal-knisja bil-kant u l-mużika. Schmid, l-ewwel kien jipprovdilhom x'jilbsu minħabba l-għera tagħhom, u wara jagħtihom x'jieklu u kuruna żgħira tar-rużarju bħala rigal ta' merħba. It-tfal kienu jitgħammdu mill-ewwel, iżda l-kbar mhux qabel ma jiġu mgħallma l-katekiżmu. F'din il-missjoni, Schmid kien ġie ordnat mis-superjuri tiegħu biex jintroduċi l-mużika, iżda sab li l-irħula kollha diġà kellhom l-orgni tagħhom kif ukoll ħafna vjolini u kuntrabaxxi magħmula miċ-ċedru, tipi differenti ta' strumenti bit-testiera u oħrajn tal-qasba, arpi u trumbetti.


L-orgni li fuqu kien idoqq Dun Martin Schmid. Dan jinsab fil-knisja ta' Santa Ana de Velasco, il-Bolivja.

Sab ukoll li dawk it-tfal Indjani kienu mużiċisti tajbin u kuljum kienu jieħdu sehem fil-quddies ta' ringrazzjament bid-daqq u l-kant tagħhom f'xi knisja jew oħra li kien hemm imxerrdin fl-irħula. Schmid ħadem ukoll f'San Javier, l-eqdem raħal tal-missjoni, fejn issokta bil-lezzjonijiet tal-mużika u qatta' l-aħħar snin f'San Miguel u San Igancio de Velasco jibni u jindura l-altari flimkien ma' sieħbu Mesner. Ġara iżda li fl-1767 il-Ġiżwiti ta' San Injazju ma setgħux ikomplu bil-ħidma missjunarja tagħhom wara li tkeċċew mir-Re Karlu III ta' Spanja. Fl-1768, flimkien ma' deportati oħrajn, Schmid kellu jagħmel il-vjaġġ twil u mimli taħbit lura lejn Spanja, fejn wara 15-il xahar detenzjoni f'El Puerto de Santa Marija tħalla jmur lura pajjiżu. L-aħħar sena ta' ħajtu qattagħha l-kulleġġ tal-Ġiżwiti ta' Lucerne. Miet fl-għomor ta' 77 sena fl-10 ta' Marzu 1772.

Schmid kien ukoll kompożitur ta' bċejjeċ sagri, fosthom 'Si Bona Suscipemus' u 'Iste Confessor'. Isimgħuhom fuq 'youtube' ħalli taraw kemm huma sbieħ.

*Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)* ■